

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li jemendaw il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015-2018) fir-rigward tal-prijorità dwar id-djalogu interkulturali

(2015/C 417/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGħIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015–2018) ⁽¹⁾,

FID-DAWL TAL-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2015 ⁽²⁾, li jiddikjaraw li l-indirizzar tal-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati huwa obbligu komuni li jeħtieġ strateġija komprensiva u sforz determinat matul iż-żmien fi spirtu ta' solidarjetà u responsabbiltà,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li wara li l-ħtiġijiet immedjati tal-migranti u r-refuġjati jiġu pprovduti, jeħtieġ li l-enfasi ddir fuq l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom,

FILWAQT LI JENFASIZZAW li l-kultura u l-arti għandhom ir-rwol tagħhom x'jaqdu fil-proċess tal-integrazzjoni tar-refuġjati li ser jingħataw status ta' asil għaliex jistgħu jgħinuhom biex jifhmu aħjar l-ambjent il-ġdid tagħhom u l-interazzjoni tiegħu mal-isfond soċjokulturali tagħhom stess, u b'hekk jikkontribwixxu għall-bini ta' soċjetà aktar koeżiva u miftuħa,

FILWAQT LI JFAKKRU li d-djalogu interkulturali jista' jikkontribwixxi għat-tqarrib tal-individwi u tal-popli, għall-prevenzjoni tal-konflitti u għall-proċessi ta' rikonċiljazzjoni ⁽³⁾, u li dan kien punt fokali tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-kultura sa mill-2002 u bħalissa huwa qasam ta' priyorità tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015–2018),

JAQBLU, fil-kuntest tal-kriżi migratorja u tar-refuġjati u bil-ħsieb li titrawwem soċjetà inklużiva bbażata fuq id-diversità kulturali, li jiġi emendat il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015–2018) billi l-qasam ta' priyorità D3a) dwar id-djalogu interkulturali jiġi aġġustat kif ġej:

Qasam ta' priyorità D: Promozzjoni tad-diversità kulturali, il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE u l-mobilità

Aġenda Ewropea għall-kultura: *Diversità kulturali u djalogu interkulturali (3.1), Kultura bħala element essenzjali fir-relazzjonijiet internazzjonali (3.3)*

Strateġija Ewropa 2020: *Tkabbir sostenibbli u inklużiv (prijoritajiet 2, 3), Mobilizzazzjoni ta' strumenti ta' politika esterna tal-UE.*

Azzjonijiet minn	Suġġetti	Strumenti u metodi ta' ħidma (inkluż jekk transettorjali)	Riżultati mixtieqa u kalendarju indikattiv
Kummissjoni/ L-Istati Membri	a. Djalogu interkulturali Fil-kuntest tal-kriżi migratorja u tar-refuġjati, jesploraw il-modi kif il-kultura u l-arti jistgħu jgħinu biex individwi u popli jittressqu flimkien, iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja kulturali u soċjetali kif ukoll jippromwovu d-djalogu interkulturali u d-diversità kulturali. Ser jiġu stabbiliti rabtiet ma' networks u bażijiet tad-data ta' integrazzjoni oħra fil-livell tal-UE ⁽¹⁾ .	MMK L-esperti ser jieħdu kont tal-linji politiċi u l-prassi tajba eżistenti dwar id-djalogu interkulturali ⁽²⁾ b'at-tenzjoni speċjali fuq l-integrazzjoni ta' migranti u refuġjati f'soċjetajiet permezz tal-arti u l-kultura.	2016 Manwal ta' prassi tajba.

⁽¹⁾ Bħas-Sit Web Ewropew dwar l-Integrazzjoni: <https://ec.europa.eu/migrant-integration/pratiques-dintegration>

⁽²⁾ Antoloġija tal-linji politiċi u prassi eżistenti għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali tinsab fir-rapport tal-2014 tal-MMK dwar ir-rwol tal-arti pubblika u l-istituzzjonijiet kulturali fil-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali: http://ec.europa.eu/culture/library/reports/201405-omc-diversity-dialogue_en.pdf

⁽¹⁾ ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4.

⁽²⁾ EUCO 26/15

⁽³⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha (ĠU C 320, 16.12.2008, p. 10).